

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ufficiċju tal-ħlasijiet tal-Lussemburgo tal-Iskema Komuni ta' Assigurazzjoni għall-Mard tal-Unjoni Ewropea, kif jidher mill-karta tal-ħlas Nru 244 tal-25 ta' Jannar 2017, li jagħmel lil Francis Wattiau responsabbi għall-ammont ta' EUR 843.01 li jikkorrispondi għal 15 % tal-fattura medika tat-30 ta' Mejju 2016, hija annullata.*
- 2) *Il-Parlament Ewropew għandu jħalli, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk esposti minn F. Wattiau.*
- 3) *L-Assoċjazzjoni tal-Anzjani tas-Servizz Pubbliku Ewropew (SFPE) għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.*

(¹) ĠU C 32, 29.1.2018.

Sentenza tal-Qorti Ċġenerali tat-30 ta' April 2019 — Kuota International vs EUIPO — Sintema Sport (K)

(Kawża T-136/18) (¹)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea K — Raġuni assoluta ta' invalidità — Mala fide — Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")

(2019/C 213/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Kuota International Corp. Ltd (Road Town, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi) (rappreżentant: C. Herissay Ducamp, avukat)

Konvenut: L-Ufficiċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: V. Ruzek, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Sintema Sport Srl (Albiate, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Diċembru 2017 (Każ R 3111/2014-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Kuota International u Sintema Sport.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Ufficiċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-15 ta' Diċembru 2017 (Każ R 3111/2014-1) hija annullata.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 166, 14.5.2018.